II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Lulju 2009

dwar l-iskemi tal-għajnuna mill-Istat C 6/04 (eks NN 70/01) u C 5/05 (eks NN 71/04) implimentati mill-Italja favur bdiewa bis-serer (eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq id-diżil użat għat-tisħin tas-serer)

(notifikata bid-dokument numru C(2009) 5497)

(Il-verżjoni bil-lingwa Taljana biss hija awtentika)

(2009/944/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 88(2), l-ewwel paragrafu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati jressqu l-kummenti tagħhom skont dak l-Artikolu, u wara li kkunsidrat il-kummenti mibgħuta,

Billi:

I. IL-PROĊEDURA

(1) Permezz tal-ittri bid-data tat-28 ta' Settembru 2000 u s-17 ta' Ottubru 2000, u fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani għal kjarifiki dwar l-eżenzjoni parzjali mid-dazji tad-dwana fuq id-diżil użat fl-agrikoltura stipulata fid-Digriet Liġi Nru 268 tat-30 ta' Settembru 2000 li stabbilixxa miżuri urġenti fir-rigward tat-taxxa fuq id-dħul għal persuni naturali u fir-rigward tad-dazji tas-sisa.

(2) L-awtoritajiet Taljani bagħtu lill-Kummissjoni l-kjarifiki mitluba permezz tal-ittri bid-data tal-31 ta' Ottubru 2000 u tat-3 ta' Novembru 2000.

(3) Wara li eżaminat dawn il-kjarifiki, il-Kummissjoni bagħtet ittra bid-data tal-20 ta' Novembru 2000 fejn talbet lill-awtoritajiet Taljani għal aktar informazzjoni dwar l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa.

(4) Billi ma rċevitx risposta sal-limitu taż-żmien ta' erba' ġimgħat stabbilit fl-ittra msemmija aktar 'il fuq, il-Kummissjoni bagħtet lill-awtoritajiet Taljani tfakkira permezz ta' ittra bid-data tas-26 ta' April 2001, fejn iddikjarat li, jekk dawn ma jagħtux ir-reazzjoni tagħhom, hija kienet tirriżerva d-dritt li tipproponi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji li jintbagħat mandat ta' informazzjoni skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE [1] (li issa huwa l-Artikolu 88).

(5) Bl-ittra bid-data tal-10 ta' Mejju 2001, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea bagħtet lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali li l-awtoritajiet Taljani kienu ntalbu jipprovdu fl-ittra tas-26 ta' April 2001.

(6) B'ittra bid-data tat-2 ta' Awwissu 2001, fuq il-bażi tal-informazzjoni msemmija aktar 'il fuq, il-Kummissjoni ħabbret li kienet qed tiftaħ fajl għal għajnuna mill-Istat mhux notifikata (ref. NN 70/01) u talbet lilll-awtoritajiet Taljani għal aktar informazzjoni.

(7) Billi ma kenitx irċeviet risposta sal-limitu taż-żmien stabbilit, il-Kummissjoni bagħtet tfakkira ġdida lill-awtoritajiet Taljani b'ittra bid-data tal-1 ta' Lulju 2003, fejn għal darba ohra ġibditilhom l-attenzjoni għall-fatt li, jekk jonqsu milli jirrispondu sal-limitu taż-żmien ta' erba' ġimgħat, hija kienet tirriżerva d-dritt li tipproponi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji li jintbagħat mandat ta' informazzjoni skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999. Il-limitu taż-żmien stabbilit għar-risposta skada fil-bidu ta' Awwissu 2003.

[1] ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.

(8) Billi ma kenitx irċeviet risposta sal-limitu taż-żmien imsemmi aktar 'il fuq, il-Kummissjoni ħarġet Deċiżjoni fl-10 ta' Ottubru 2003 [2] li talbet lill-Italja sabiex tipprovdilha l-informazzjoni mitluba fl-ittra tat-2 ta' Awwissu 2001 u li ddikjarat li, jekk l-awtoritajiet Taljani jonqsu milli jirrispondu, kienet tirriżerva d-dritt li tibda l-proċedura tal-Artikolu 88(2) tat-Trattat.

(9) Billi ma kenitx irċeviet risposta għall-mandat ta' informazzjoni, il-Kummissjoni kitbet lill-awtoritajiet Taljani fid-19 ta' Frar 2004 fejn infurmathom dwar id-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura tal-Artikolu 88(2) tat-Trattat kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(5) tad-Digriet Liġi Nru 268 tat-30 ta' Settembru 2000 (Każ C 6/04).

(10) Id-Deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [3]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-iskema ta' għajnuna.

(11) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti dwar l-iskema ta' għajnuna mill-partijiet terzi interessati u bagħtithom lill-Italja permezz ta' ittra bid-data tas-27 ta' April 2004, u tatha l-opportunità sabiex tesprimi l-fehma tagħhom dwarhom.

(12) L-Italja ma esprimietx il-fehma tagħha dwar dawn il-kummenti iżda, wara li talbet u kisbet posponiment tal-limitu taż-żmien għar-risposta għall-bidu tal-proċedura taħt l-Artikolu 88(2) tat-Trattat, bagħtet risposta dwar din il-proċedura permezz ta' ittra bid-data tal-21 ta' Ġunju 2004, irreġistrata bħala li waslet fil-25 ta' Ġunju 2004.

(13) Wara li kienet bagħtet l-ittra tad-19 ta' Frar 2004 li tiddikjara li kienet inbdiet il-proċedura taħt l-Artikolu 88(2) tat-Trattat kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(5) tad-Digriet Liġi Nru 268 tat-30 ta' Settembru 2000, il-Kummissjoni kisbet informazzjoni skont liema l-bdiewa tas-serer kienu apparentament qed jibbenefikaw, fir-realtà, minn eżenzjoni totali tad-dazju tas-sisa fuq id-dħul użat għat-tiswin tas-serer. Permezz ta' faks bid-data tal-10 ta' Ġunju 2004, hija għalhekk talbet lill-awtoritajiet Taljani għal informazzjoni dwar din l-eżenzjoni addizzjonali.

(14) B'ittra tat-28 ta' Lulju 2004, irreġistrata li waslet fit-3 ta' Awwissu 2004, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea kkomunikat lill-Kummissjoni r-risposta tal-awtoritajiet Taljani għall-ittra msemmija aktar 'il fuq tal-10 ta' Ġunju 2004. Din ir-risposta wriet li l-eżenzjoni addizzjonali msemmija aktar 'il fuq kienet ġiet stabbilita permezz ta' diversi dispożizzjonijiet: l-Artikolu 24(3) tal-Liġi Nru 388 tat-23 ta' Diċembru 2000; l-Artikolu 13(3) tal-Liġi Nru 448 tal-21 ta' Diċembru 2001; l-Artikolu 19(4) tal-Liġi Nru 289 tas-27 ta' Diċembru 2002 u l-Artikolu 2(4) tal-Liġi Nru 350 tal-24 ta' Diċembru 2003.

(15) Fuq il-bażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ fajl ġdid għal għajnuna mhux notifikata (ref. NN 71/04), sabex teżamina l-kompatibbiltà ta' din l-eżenzjoni addizzjonali mas-suq komuni. Hija infurmat lill-awtoritajiet Taljani b'dan permezz ta' ittra bid-data tal-4 ta' Novembru 2004.

(16) Permezz tal-ittra bid-data tal-24 ta' Jannar 2005, il-Kummissjoni infurmat lill-Gvern Taljan bid-deċiżjoni tagħha li tibda l-proċedura taħt l-Artikolu 88(2) tat-Trattat fir-rigward tal-eżenzjoni addizzjonali msemmija aktar 'il fuq stabbilita permezz tal-Artikolu 24(3) tal-Liġi Nru 388 tat-23 ta' Diċembru 2000; l-Artikolu 13(3) tal-Liġi Nru 448 tal-21 ta' Diċembru 2001; l-Artikolu 19(4) tal-Liġi Nru 289 tas-27 ta' Diċembru 2002 u l-Artikolu 2(4) tal-Liġi Nru 350 tal-24 ta' Diċembru 2003 (każ C 5/05)

(17) Id-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [4]. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-iskema ta' għajnuna.

(18) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet interessati.

(19) B'ittra tal-21 ta' Frar 2005, irreġistrata li waslet fit-22 ta' Frar 2005, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea bagħtet lill-Kummissjoni r-risposta tal-awtoritajiet Taljani dwar it-tnedija tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat kontra l-eżenzjoni addizzjonali msemmija aktar 'il fuq.

(20) Permezz ta' ittra bid-data tas-27 ta' Settembru 2007, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Taljani għal informazzjoni addizzjonali dwar l-għajnuna kkonċernata u dwar ir-risposti dwar it-tnedija tal-proċedura taħt l-Artikolu 88(2) tat-Trattat. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Taljani ntalbu jiġġustifikaw l-argument li l-għajnuna kienet konsistenti mas-sistema tat-taxxa Taljana u janalizzaw jekk din tistax tkun ġustifikata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali li kienu applikabbli fiż-żmien tal-għoti tal-għajnuna [5]. L-awtoritajiet Taljani kellhom xahar sabiex jirrispondu għal din it-talba għal informazzjoni addizzjonali.

(21) Fin-nuqqas ta' risposta mill-awtoritajiet Taljani, il-Kummissjoni bagħtitilhom tfakkira permezz ta' faks bid-data tal-15 ta' Ottubru 2008. Dan kien jiddikjara li, jekk hija ma kenitx se tirċievi risposta sal-limitu ta' żmien il-ġdid ta' xahar, hija kienet tirriżerva d-dritt li tipproponi lill-Kulleġġ tal-Kummissarji li mandat ta' informazzjoni jintbagħat skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999.

[2] Id-Deċiżjoni C(2003) 3802, innotifikata lill-Italja permezz tal-ittra bir-ref. SG(2003) D/232244 tat-13 ta' Ottubru 2003.
[3] ĠU C 69, 19.3.2004, p. 8.
[4] ĠU C 101, 27.4.2005, p. 17.
[5] ĠU C 37, 3.2.2001, p. 3.

(22) Billi ma rċevietx risposta sal-limitu ta' żmien stabbilit, il-Kummissjoni baħtet dan il-mandat lill-Italja bid-data tal-5 ta' Diċembru 2008 ([6]).

(23) Permezz ta' ittra elettronika bid-data tal-5 ta' Frar 2009, irreġistrata li waslet fid-9 ta' Frar 2009, ir-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea baħtet lill-Kummissjoni r-risposta tal-awtoritajiet Taljani għall-mandat imsemmi aktar 'il fuq.

(24) Wara laqgħa ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-21 ta' April 2009, l-awtoritajiet Taljani baħtulhom ittra ġdida fid-19 ta' Mejju 2009 permezz tar-Rappreżentanza Permanenti tal-Italja għall-Unjoni Ewropea.

II. **DESKRIZZJONI**

(25) L-Artikolu 5(5) tad-Digriet Liġi Nru 268 tat-30 ta' Settembru 2000 jistipula li, għall-perjodu bejn it-3 ta' Ottubru u l-31 ta' Diċembru 2000, id-dazju tas-sisa applikat għad-diżil użat għat-tisħin tas-serer ikun 5 % ta' dak stabbilit għad-diżil użat bħala karburant.

(26) L-Artikolu 6(1) ta' dak id-Digriet Liġi jistabbilixxi li, għall-istess perjodu, ir-rati tad-dazju tas-sisa għad-diżil użat fl-agrikoltura jkunu 22 % ta' dawk applikabbli għad-diżil użat bħala karburant u li r-rati tad-dazju tas-sisa għall-petrol ikunu 49 % tar-rata normali.

(27) L-Artikolu 24(3) tal-Liġi Nru 388 tat-23 ta' Diċembru 2000; l-Artikolu 13(3) tal-Liġi Nru 448 tal-21 ta' Diċembru 2001; l-Artikolu 19(4) tal-Liġi Nru 289 tas-27 ta' Diċembru 2002 u l-Artikolu 2(4) tal-Liġi Nru 350 tal-24 ta' Diċembru 2003 kollha stabbilixxew eżenzjoni totali mid-dazju tas-sisa għad-diżil użat għat-tisħin tas-serer fl-Italja. Din l-eżenzjoni kopriet il-perjodi li ġejjin rispettivament: mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2001; l-2002 kollha; l-2003 kollha u l-2004 kollha.

III. **IL-FTUĦ INIZJALI TAL-PROĊEDURA TAĦT L-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT (KAŻ C 6/04)**

(28) Il-Kummissjoni tat bidu għall-proċedura taħt l-Artikolu 88(2) tat-Trattat kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(5) tad-Digriet Liġi Nru 268 tat-30 ta' Settembru 2000, għaliex kellha dubji dwar il-kompatibbiltà mas-suq komuni tas-17-il punt perċentwali addizzjonali ta' eżenzjoni mit-taxxa tas-sisa mogħtija lill-bdiewa tas-serer li jużaw id-diżil għat-tisħin tas-serer meta mqabbla ma' operaturi oħra fis-settur agrikolu. Id-dubji oriġinaw mill-fatt li, minkejja li ntbagħat mandat ta' informazzjoni, l-awtoritajiet Taljani ma bagħtu l-ebda informazzjoni li turi li l-eżenzjonijiet kienu eliġibbli taħt ir-regoli tal-kompetizzjoni (fil-fatt, huma l-anqas biss irrispondew għall-mandat). Minbarra dan, id-dubji ssaħħew mill-kwistjoni dwar l-ammissibilità tal-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tad-dazji tas-sisa fuq iż-żjut minerali ([7]) u dwar id-Direttiva li tħassar dik id-Direttiva, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirristruttura l-qafas tal-Komunità għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku ([8]).

IV. **REAZZJONI TAL-AWTORITAJIET TALJANI GĦALL-FTUĦ INIZJALI TAL-PROĊEDURA TAĦT L-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT**

(29) Fl-ittra tagħhom tal-21 ta' Ġunju 2004, l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li l-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa ma jistgħux jitqiesu bħala għajnuna mill-Istat iżda kellhom jiġu eżaminati fil-kuntest tal-Artikolu 8(2)(f) u l-Artikolu 15(3) tad-Direttivi 92/81/KEE u 2003/96/KE rispettivament. Huma kienu tal-fehma li l-biedja fis-serer kien jaqa' fil-kategorija ta' "xogħlijiet agrikoli u ortikulturali", li għalihom il-liġi tal-Komunità tippermetti lill-Istati Membri sabiex japplikaw eżenzjonijiet totali jew parzjali mid-dazju tas-sisa, u li l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa għall-biedja fis-serer ma kenitx tintroduċi diskriminazzjoni fis-settur agrikolu u ortikulturali marbuta ma' differenzjazzjoni fl-eżenzjonijiet, għaliex l-operaturi kollha kienu għal kollox ħielsa li jagħżlu bejn it-tkabbir barra u dak fis-serer.

(30) Skont l-awtoritajiet Taljani, l-iskema kienet ta' natura biss fiskali u għandha titqies minn din il-perspettiva, sabiex l-analiżi ssir f'qafas akbar li jkopri l-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea, u b'hekk tiġi evitata sitwazzjoni fejn li jiġi eżaminat każ nazzjonali individwali barra minn qafas bħal dan iwassal għal perikolu għall-prinċipju tat-trattament ugwali tal-Istati Membri. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Taljani rreferew għall-ftehim politiku milħuq mill-Kunsill u l-Kummissjoni fil-Kunsill Ecofin tad-19 ta' Marzu 2003, li fih id-derogi mis-sistema ġenerali tat-taxxa jew differenzi fi ħdanha li kienu ġġustifikati minnatura jew il-karatteristiċi ġenerali tas-sistema tat-taxxa ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

(31) B'konklużjoni, l-awtoritajiet Taljani żiedu li, skont l-estimi u d-dejta fil-pussess tagħhom, l-iskema ppjanata "ma tkunx ta' ħsara għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u ma tirriżultax fi tfixkil tal-kompetizzjoni" (referenza għall-Preambolu 24 tad-Direttiva 2003/96/KE).

([6]) Ittra bir-ref. SG-Greffe (2008) D/207739.

([7]) ĠU L 316, 31.10.1992, p. 12.

([8]) ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51.

V. **KUMMENTI MRESSQA MINN PARTIJIET TERZI WARA L-FTUĦ INIZJALI TAL-PROĊEDURA TAĦT L-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT**

(32) Permezz tal-ittra bid-data tad-19 ta' April 2004 irreġistrata bħala li waslet fil-21 ta' April 2004, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand parti terza interessata wara l-ftuħ tal-proċedura skont l-Artikolu 88(2) tat-Tratttat.

(33) F'dik l-ittra, il-parti interessata ddeskriviet il-fraġilità tas-suq li fih hija kienet topera u l-problemi konnessi maż-żieda fil-prezz tal-karburanti li jistgħu jintużaw għat-tisħin tas-serer. Fil-fehma tal-parti terza interessata, jekk il-Kummissjoni kellha tiddeċiedi kontra l-eżenzjoni kkonċernata, bosta impriżi f'dan is-settur kienu jiġu sfurzati li jagħlqu jew li jnaqqsu l-ammont ta' karburant li jikkunsmaw għat-tisħin tas-serer tagħhom, bit-tnaqqis fil-kwalità tal-prodotti tagħhom li jirriżulta. Minbarra dan, skont il-parti terza interessata, il-prezzijiet tal-karburanti tat-tisħin użati fil-Belġju u l-Olanda (metanu u żejt tal-karburant) kienu bejn 20 % u 40 % anqas mill-prezz tad-diżil agrikolu fl-Italja u li, għalhekk, l-applikazzjoni tal-eżenzjoni kkonċernata ma tfixkel bl-ebda mod il-kompetizzjoni. Fl-aħħar nett, dejjem fil-fehma ta' din il-parti, in-numru ta' stabbilimenti agrikoli fis-settur tagħha li qed jużaw il-gass metanu għat-tisħin tas-serer kien dejjem qed jiżdied.

VI. **IT-TIENI FTUĦ TAL-PROĊEDURA TAĦT L-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT (KAŻ C 5/05)**

(34) Il-Kummissjoni fetħet proċedura oħra taħt l-Artikolu 88(2) tat-Trattat wara li kisbet informazzjoni li turi li l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa li gawdew minnha l-bdiewa tas-serer kienet fil-fatt ogħla, b'ammont sinifikanti, minn dik analizzata meta l-proċedura kienet infetħet oriġinarjament. Id-dubji espressi meta l-proċedura nfetħet oriġinarjament, li l-kawżi tagħhom kienu jinkludu l-fatt li l-awtoritajiet Taljani ma kinux irrispondew għall-mandat ta' informazzjoni li ntbagħtilhom, kienu kkonfermati mir-reazzjoni tal-awtoritajiet għall-ftuħ oriġinali tal-proċedura. Essenzjalment, id-dubji espressi mill-Kummissjoni meta l-proċedura nfetħet għat-tieni darba kienu bbażati fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet Taljani insistew li, indipendentement mid-dimensjonijiet tagħhom, l-eżenzjonijiet mid-dazji tas-sisa fuq il-karburanti ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat iżda pjuttost miżuri fiskali ġġustifikati min-natura tas-sistema li minnha jiffurmaw parti. Madankollu, huma ma pprovdewx informazzjoni b'sostenn għal dan l-argument;

(b) argument ieħor li tressaq mill-awtoritajiet Taljani kien li l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa ma kenitx tifxkel il-komptizzjoni, għaliex il-bdiewa b'nurseries kienu ħielsa li jagħmlu użu mill-eżenzjoni billi jkabbru f'serer. Dan l-argument jidher dubjuż, minħabba li l-eżenzjoni kienet immirata mhux sabiex tinkoraġġixxi bidla favur it-tkabbir fis-serer iżda sabiex tipprovdi lill-bdiewa tas-serer li diġà qed joperaw b'ħelsien minn piż finanzjarju marbut mal-eżerċizzju tal-attività tagħhom;

(c) għal darba oħra fir-rigward tal-kwistjoni tat-tfixkil tal-kompetizzjoni, l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li, skont id-dejta uffiċjali fil-pussess tagħhom, l-eżenzjoni totali mogħtija lill-bdiewa tas-serer ma kenitx tfixkel il-kompetizzjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, mhux ċar kif l-awtoritajiet Taljani jistgħu jagħmlu dan l-argument ladarba, fir-risposta tagħhom mibgħuta bit-telex lill-Kummissjoni fl-10 ta' Ġunju 2004 (ara l-premessa aktar 'il fuq), huma ddikjaraw li ma setgħux jipprovdu dejta preċiża dwar l-ammonti li l-bdiewa tas-serer jistgħu jiffrankaw b'riżultat tal-eżenzjoni totali;

(d) għalkemm iddikjaraw li ma kienx hemm elementi ta' għajnuna mill-Istat, l-awtoritajiet Taljani naqsu milli jindikaw liema regola tal-kompetizzjoni kienet, fil-fehma tagħhom, se tappoġġja l-kompatibilità tal-eżenzjoni totali mid-dazju tas-sisa mas-suq komuni;

(e) il-fatt li l-eżenzjonijiet ngħataw b'mod kuntrarju għad-Direttiva 92/81/KEE u 2003/96/KE ma jistax jiġi eskluż.

VII. **REAZZJONI TAL-AWTORITAJIET TALJANI GĦALL-FTUĦ GĦAT-TIENI DARBA TAL-PROĊEDURA TAĦT L-ARTIKOLU 88(2) TAT-TRATTAT**

(35) B'ittra tal-21 ta' Frar 2005, l-awtoritajiet Taljani stqarrew li l-kwistjonijiet ta' sustanza koperti mit-tieni proċedura kienu identiċi għal dawk trattati meta l-proċedura kienet infetħet oriġinarjament u li l-kummenti li kienu diġà saru fir-rigward tal-ewwel proċedura kienu għadhom validi. Huma ssupplimentaw ir-risposta tagħhom ukoll billi ddikjaraw dan li ġej:

(a) aġġustamenti għad-dazji tas-sisa mill-Istati Membri ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ecofin tad-19 ta' Marzu 2003, li skonthom derogi mis-sistema ġenerali tat-taxxa jew differenzi fi ħdanha li kienu ġġustifikati bin-natura jew il-karatteristiċi ġenerali tas-sistema tat-taxxa ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, kienu fattur determinanti li jikkonferma l-primat tas-setgħat tal-awtoritajiet finanzjarji tal-Komunità. Għaldaqstant, huma għandhom jibagħtu informazzjoni dwar in-natura jew il-karatteristiċi ġenerali tas-sistema lil dawk l-awtoritajiet finanzjarji hekk kif dawk l-awtoritajiet jitolbuhomlhom;

(b) l-espressjoni "Mingħajr preġudizzju għall-provvisjonijiet oħra tal-Komunità" fl-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2003/96/KE ma tistax tiġi interpretata b'tali mod li trendi l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat applikabbli għal kull miżura li tnaqqas id-dazji tas-sisa jew tohloq eżenzjoni minnhom u li, kieku l-leġiżlatur tal-Komunità kien ried jagħmel kull miżura li taġġusta d-dazji tas-sisa suġġetta għall-konformità mal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat, kien jesprimi din ix-xewqa billi jdaħħal referenza għal dawk l-Artikoli f'konformità mal-prinċipju fundamentali tal-interpretazzjoni tal-liġi li *lex ubi voluit dixit* ("fejn il-liġi trid xi ħaġa, hija tgħidha"). Minbarra dan, f'kull att ieħor tal-Komunità, ix-xewqa tal-leġiżlatur li miżuri partikolari jkunu suġġetti għarregoli dwar l-għajnuna mill-Istat kienet espressa b'mod ċar u mhux permezz ta' formulazzjoni ġenerika bħal "Mingħajr preġudizzju għall-provissjonijiet oħra tal-Komunità". Minbarra dan, formulazzjoni ċara u espliċita kienet saħansitra aktar neċessarja ladarba li jiġi ddikjarat li miżura "kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat" jew "ma kenitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat" għandu impatt sinifikanti fuq in-natura, l-arranġamenti u t-tul tal-implimentazzjoni tal-miżura;

(c) il-fatt li l-miżura ma pperikolatx il-funzjonament korrett tas-suq intern u ma fixklitx il-kompetizzjoni kien wieħed oġġettiv u għalhekk kien jagħmel irrelevanti l-iffrankar li l-produtturi setgħu jagħmlu b'riżultat tal-miżura.

VIII. **RISPOSTA TAL-AWTORITAJIET TALJANI GĦALL-MANDAT TA' INFORMAZZJONI TAL-5 TA' DIĊEMBRU 2008**

(36) Fl-ittra tagħhom tal-5 ta' Frar 2009, l-awtoritajiet Taljani l-ewwel marru lura għall-argument dwar il-kompatibilità tal-għajnuna mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 92/81/KEE, li fil-fehma tagħhom, ma kinux jipprovdu kjarifiki suffiċjenti dwar il-kwistjoni tal-kompatibilità tależenzjonijiet jew it-tnaqqis tad-dazju tas-sisa mar-regoli tal-kompetizzjoni.

(37) B'appoġġ għall-pożizzjoni tagħhom, huma rreferew għall-Artikolu 8 tad-Direttiva, skont liema, "bla ħsara għal dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu japplikaw eżenzjonijiet jew tnaqqis totali jew parzjali firrata tad-dazju fuq iż-żjut minerali taħt kontroll fiskali […] esklussivament fix-xogħlijiet agrikoli u ortikulturali, u fil-forestrija […]".

(38) Fil-fehma tal-awtoritajiet Taljani, l-espressjoni "bla ħsara" użata f'dak Artikolu ma stabbilietx obbligu ta' konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni Ewropej kif jagħmel, b'kuntrast, l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2003/96/KE. Kieku dawn iż-żewġ Direttivi kienu stabbilixxew l-istess obbligu, il-leġiżlatur tal-Komunità ma kien ikollu l-ebda ħtieġa li jkun aktar espliċitu fl-Artikolu 26 tad-Direttiva 2003/96/KE. Għaldaqstant, il-konklużjoni tal-awtoritajiet Taljani hija li, meta jitqies l-Artikolu 8 tad-Direttiva 92/81/KEE, l-Istati Membri jistgħu leġittimament japplikaw tnaqqis fid-dazji tas-sisa jew eżenzjonijiet minnhom fis-settur tal-ortikultura.

(39) L-Awtoritajiet Taljani mbagħad enfasizzaw li, fil-prattika, id-Direttiva ta' implimentazzjoni 92/81/KEE u għalhekk id-Direttiva 2003/96/KE rriżultaw fi tfixkil tal-kompetizzjoni fis-suq intern, għaliex it-tnaqqis u l-eżenzjonijiet stipulati kienu ta' benefiċċju għal dawk l-Istati Membri li kellhom riżorsi finanzjarji akbar u setgħu għalhekk japplikaw tnaqqis fid-dazji tas-sisa b'mod uniformi fissettur agrikolu kollu. Minħabba li hija kellha riżorsi limitati, l-Italja ddeċidiet li tieħu azzjoni biss favur il-bdiewa tas-serer, għaliex il-miżuri ta' tnaqqis fid-dazju tas-sisa u eżenzjoni minnu ġew adottati fil-kuntest ta' kriżi kkawżata minn żidiet fil-prezzijiet għall-prodotti tat-tisħin. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li ma kienx ir-rwol tal-Kummissjoni li tintervjeni fir-rigward ta' għażla ta' prijoritajiet ta' Stat Membru.

(40) Fir-rigward tal-applikabilità possibbli tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali (ara l-premessa aktar 'il fuq), l-awtoritajiet Taljani ddikjaraw li t-tnaqqis mogħti fid-dazji tas-sisa kien konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida u għalhekk seta' jibbenefika mid-derogi stabbiliti fihom ladarba, fil-fehma tagħhom, il-kwistjoni kienet tirrigwarda t-taxxi eżistenti skont it-tifsira tal-punt 51.2 tal-linji gwida. Dan il-punt jistipula li, f'dak li jirrigwarda taxxi eżistenti, għajnuna operattiva konnessa ma' tnaqqis jew eżenzjonijiet tista' tiġi awtorizzata jekk dawn iż-żewġ kundizzjonijiet huma t-tnejn li huma ssodisfati fl-istess waqt:

— It-taxxa in kwistjoni jrid ikollha impatt pożittiv apprezzabbli f'termini ta' ħarsien ambjentali;

— id-derogi għall-azjendi kkonċernati jridu jkunu ġew deċiżi meta t-taxxa kienet ġiet adottata jew ikunu saru neċessarji bħala riżultat ta' bidla kbira fil-kondizzjonijiet ekonomiċi illi poġġiet lill-impriżi f'sitwazzjoni kompetittiva partikolarment diffiċli. Fl-aħħar każ, l-ammont tat-tnaqqis mit-taxxa ma jistax jaqbeż iż-żieda fl-ispejjeż illi tirriżulta mill-bidla fil-kondizzjonijiet ekonomiċi. Jekk kemm-il darba ma jkunx għad hemm żieda fl-ispejjeż, it-tnaqqis ma jkunx jista' jibqa' japplika.

(41) Skont l-awtoritajiet Taljani, id-dazji tas-sisa fuq il-karburanti użati fl-agrikoltura, b'mod partikolari l-gass għattisħin, jistgħu jitqiesu bħala taxxi ambjentali u għandhom impatt pożittiv fuq l-ambjent għaliex huma jinkoraġġixxu lill-produtturi sabiex inaqqsu l-konsum tal-karburanti.

(42) Fir-rigward tal-punt 51.2(b) tal-linji gwida b'mod partikolari, li fuq il-bażi tiegħu kellhom jittieħdu deċiżjonijiet dwar id-derogi għall-impriżi meta ġiet adottata t-taxxa, l-awtoritajiet Taljani rreferew għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4436 tas-7 ta' Diċembru 2005. Dik id-deċiżjoni stipulat li "id-dazji tas-sisa kkonċernati jistgħu ma jkollhomx skop ambjentali espliċitu mill-bidu u l-eżenzjonijiet ġew deċiżi fil-[…] qabel ma l-linji gwida tal-2001 dwar l-għajnuna ambjentali saru applikabbli. Għalhekk, is-sitwazzjoni tagħhom tista' titqies bħallikieku dawn kienu ġew deċiżi fiż-żmien meta t-taxxa tas-sisa kienet ġiet adottata. Għaldaqstant, f'konformità mal-punt 51.2 tal-linji gwida, id-dispożizzjonijiet fil-punt 51.1 jistgħu jiġu applikati għall-eżenzjonijiet li għandhom jiġu vvalutati f'din id-deċiżjoni". L-awtoritajiet Taljani żiedu li t-tnaqqis fid-dazju tas-sisa ġie deċiż wara bidla fis-sitwazzjoni ekonomika (b'mod partikolari żieda qawwija fil-prezz taż-żejt) li poġġiet lill-bdiewa tas-serer f'sitwazzjoni kompetittiva partikolarment diffiċli meta mqabbla ma' bdiewa li jkabbru l-uċuħ tar-raba' fil-miftuħ u wasslet lill-awtoritajiet f'pajjiżi oħra sabiex jadottaw miżuri favur il-bdiewa tas-serer u s-settur tas-sajd. L-awtoritajiet indikaw li fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni, il-prezz taż-zejt tal-gass għat-tisħin inbidel kif ġej: +37 % fl-1999-2000, +26 % fl-1999-2001 u +26 % fl-1999-2002. Sadanittant, l-istruttura tal-prezz kienet kif ġej (medja annwali f'EUR/litru):

EUR/litru

	Prezz minimu tax-xiri	Taxxa	Prezz tal-konsumatur
1999	0,217	0,524	0,741
2000	0,342	0,523	0,865
2001	0,317	0,504	0,821
2002	0,292	0,542	0,834
2003	0,314	0,547	0,861
2004	0,354	0,555	0,909

(43) Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet Taljani ġibdu l-attenzjoni għall-fatt li l-applikazzjoni tal-punt 51 tal-linji gwida xorta waħda kienet tirrikjedi li l-impriżi jħallsu parti mit-taxxa. Fil-fehma tagħhom, il-miżura adottata mill-Italja tista' tkun kompatibbli jekk il-benefiċjarji jħallsu l-ammont minimu stabbilit fil-livell tal-Komunità (li, skont l-awtoritajiet, kien ta' EUR 13 għal kull 1 000 kg fil-perjodu 2000-2013 u EUR 21 għal kull 1 000 kg wara dan).

(44) Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-ammont totali tal-għajnuna mogħtija, l-awtoritajiet Taljani indikaw li ċ-ċifri fid-diversi Liġijiet Finanzarji kienu stimi bbażati fuq previżjonijiet tal-konsum għall-karburanti tat-tisħin u għandhom jitqiesu bħala dħul mhux miġbur minflok bħala riżorsi allokati. Fil-fehma tagħhom, kien diffiċli f'dak l-istadju li jiġi kkwantifikat il-vantaġġ miksub minn kull produttur, ladarba r-responsabbiltà għall-amministrazzjoni tas-sistema tat-taxxa kienet f'idejn ir-reġjuni, il-provinċji jew saħansitra l-muniċipalitajiet. Iċ-ċifri jintbagħtu immedjatament kif dawn ikunu disponibbli.

IX. L-ITTRA MIBGĦUTA FIT-18 TA' MEJJU 2009

(45) F'din l-ittra, l-awtoritajiet Taljani affermaw, l-ewwel nett, li d-dazji tas-sisa kienu taxxi eżistenti u li, bħala tali, ma setgħux ikunu koperti mid-derogi applikabbli għalihom permezz tad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent, għar-raġunijiet ippreżentati fil-premessa 42 aktar 'il fuq.

(46) Dan l-argument kien segwit minn verżjoni aġġornata tat-tabella mogħtija fil-premessa 42 aktar 'il fuq (il-kolonna tat-taxxa hija maqsuma bejn id-dazji tas-sisa u l-VAT). Skont it-tabella l-ġdida, l-istruttura tal-prezzijiet fil-perjodu taħt kunsiderazjoni kienet kif ġej (din id-darba d-dejta hija espressa f'EUR għal kull 1 000 litru):

EUR/litru

	Prezz minimu tax-xiri	VAT	Dazji tas-sisa	Prezz tal-konsumatur
1999	219,83	123,5	397,67	741
2000	344,35	144,1	375,92	864,33
2001	313,4	136,7	370,11	820,22
2002	293,31	139,7	405,24	838,26
2003	314,37	143,5	403,21	861,1
2004	355,01	151,6	403,21	909,86

(47) L-awtoritajiet Taljani enfasizzaw li, bejn l-1999 u l-2004, il-prezzijiet tal-konsumatur tad-dīżil għat-tisħin kienu qed jiżdiedu b'mod kostanti, minbarra għal tnaqqis żgħir bejn l-2000 u l-2001. L-argumenti diġà ppreżentati fil-premessi 42 u 43 aktar 'il fuq imbagħad ġew ripetuti.

(48) F'dak li jirrigwarda l-ġustifikazzjoni għall-miżura fid-dawl tas-sistema Taljana tat-taxxa, l-awtoritajiet Taljani ċċaraw li, fl-Italja, il-kwantitajiet tal-karburanti eżenti kienu jitqassmu fuq il-bażi tad-daqs tal-art, il-kwalità tal-uċuħ tar-raba' u l-ammont ta' tagħmir agrikolu effettivament użat. Għaldaqstant, jista' jingħad li l-eżenzjoni ġiet ikkalkulata fuq il-bażi tat-tip ta' attività mwettqa u, għall-biedja tas-serer, b'mod proporzjonali, għaliex dan it-tip ta' biedja kienet b'mod ċar dipendenti fuq id-dīżil u kkaratterizzata minn kundizzjonijiet ta' produzzjoni kompletament differenti meta mqabbla mal-biedja fil-miftuħ. Minbarra dan, l-eżenzjoni ma kienet tiffavorixxi l-ebda prodott wieħed għaliex kienet tapplika għall-prodotti kollha li jitkabbru f'serra u għaliex il-biedja tas-serer tista' titqies bħala prattika mifruxa fis-settur agrikolu.

(49) F'dak li jirrigwarda l-applikabilità tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat f'termini aktar ġenerali, l-awtoritajiet Taljani kienu tal-fehma li l-kundizzjonijiet imsemmija f'dak il-paragrafu ma kinux ġew issodisfati, għaliex l-eżenzjonijiet la kienu selettivi u lanqas ma kienu jfixklu l-kompetizzjoni.

(50) F'dak li jirrigwarda s-selettività, huma rreferew għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza fil-Każ T-233/04 ([9]). F'dik is-sentenza (paragrafu 86), il-Qorti ddikjarat li "għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 87 KE, ma tagħmilx differenza jekk is-sitwazzjoni tal-allegat benefiċjarju tal-miżura tkunx marret għall-aħjar jew għall-aġħar meta mqabbla mal-istat tad-dritt preċedenti jew jekk, bil-kontra ta' dan, ma tkunx evolviet matul iż-żmien. Għandu biss jiġi ddeterminat jekk, fil-kuntest ta' sistema ġuridika partikolari, miżura tal-Istat tkunx tali li tiffavorixxi 'ċerti impriżi jew ċerti produtturi' fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, meta mqabbla ma' impriżi oħra li jinsabu f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika paragunabbli fir-rigward tal-għan imfittex mill-miżura kkonċernata".

(51) Fil-fehma tal-awtoritajiet Taljani, l-eżenzjoni applikata għad-diżil użat f'ambjenti mgħottija fejn jitkabbru l-prodotti agrikoli bl-ebda mod ma kienet tiddistingwi bejn impriżi fl-istess sitwazzjoni legali u fattwali jew bejn il-prodotti, ladarba l-impriżi kollha, indipendentement mill-prodotti li jipproduċu, jistgħu jagħmlu użu mill-eżenzjoni meta jkunu qed jakkwistaw il-provvisti tad-diżil tagħhom għall-biedja fis-serer.

(52) F'dak li jirrigwarda l-probabbilità li l-miżura tfixkel il-kompetizzjoni, l-awtoritajiet Taljani rreferew għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 1105, li l-premessa 43 tagħha jgħid li l-eżenzjonijiet totali u parzjali permessi mill-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/81/KEE jsegwu l-istess għanijiet bħall-miżura stipulata fid-Direttiva 2003/96/KE u huma ta' skala pjuttost żgħira u, għalhekk, jista' jingħad, b'analoġija, li huma m'għandhomx jikkawżaw tfixkil partikolari għall-kompetizzjoni.

(53) L-awtoritajiet Taljani żiedu wkoll li, fil-punt 32 ta' dik id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni kienet ikkunsidrat li miżuri ta' dan it-tip applikati għall-karburanti użati fil-produzzjoni agrikola primarja ma jikkawżawx tfixkil sostanzjali għall-kompetizzjoni fid-dawl taċ-ċokon tal-azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea (aktar minn 60 % tal-azjendi agrikoli għandhom anqas minn 5 ettari ta' art agrikola utilizzata). B'din il-kunsiderazzjoni bħala l-punt tat-tluq tagħhom, huma enfasizzaw li, bl-applikazzjoni tal-istess kriterju tad-daqs, ikun diffiċli li l-eżenzjonijiet ikkonċernati jfixklu l-kompetizzjoni għaliex madwar 80 % tal-azjendi agrikoli Taljani għandhom anqas minn 5 ettari ta' art agrikola utilizzata.

(54) L-awtoritajiet Taljani ġabu wkoll l-argument li l-kwantità tad-diżil meħtieġ sabiex jissaħħan 1 m^3 ta' serra kienet ta' madwar 2 litri biss. Minbarra dan, fuq il-bażi ta' studju li sar minn Enama (*Ente nazionale per la meccanizzazione agricola* - Korp Nazzjonali għall-Mekkanizzazzjoni tal-Agrikoltura) dwar il-konsum tad-diżil f'14 mill-20 reġjun tal-Italja, id-diżil użat fis-serer (167 436 001 litru) kien jirrappreżenta biss 11,77 % tal-konsum tad-diżil agrikolu fl-2002 u 10,67 % fl-2003.

(55) Wara li pprovdew dawn il-kjarifiki f'sostenn tal-fehma tagħhom li l-eżenzjonijiet ikkonċernati ma kinux jinkludu elementi ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat, l-awtoritajiet Taljani reġgħu enfasizzaw in-natura trasversali tal-eżenzjonijiet, enfasizzaw ukoll il-fatt li l-produtturi agrikoli kollha setgħu jibbenefikaw minnhom jekk iwettqu attivitajiet ta' biedja fis-serer u ssottolineaw li l-kriterju tan-nondiskriminazzjoni ma setax jiġi applikat retroattivament, għar-raġunijiet ta' aspettattivi leġittimi u ċertezza legali.

X. **VALUTAZZJONI**

(56) Din id-Deċiżjoni tirrigwarda d-differenza bejn l-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa fuq id-diżil użat għat-tisħin tas-serer, fuq naħa, u l-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa fuq iż-żejt tat-tisħin użat bħala karburant, fuq in-naħa l-oħra.

(57) Meta jitqiesu l-argumenti ppreżentati mill-awtoritajiet Taljani fir-risposti tagħhom għall-ewwel u t-tieni ftuħ tal-proċedura, huwa neċessarju l-ewwel nett li jiġi eżaminat jekk l-iskema fihiex elementi ta' għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

(58) Skont l-Artikolu 87(1) tat-Trattat, kull għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti prodotti hija, safejn taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, inkompatibbli mas-suq komuni.

(59) L-iskema li qed tiġi eżaminata tissodisfa din d-definizzjoni, mhux biss għaliex hija ffinanzjata bir-riżorsi tal-Istat (bl-għoti ta' eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa, l-Istat iċedi dħul speċifiku li kieku kien jiġbor), iżda wkoll għaliex tiffavorixxi ċerti impriżi (impriżi fis-settur tal-agrikoltura u, fi ħdan dak is-settur, dawk li jippratikaw il-biedja fis-serer) u tista' taffettwa l-kummerċ jew tfixkel il-kompetizzjoni, fid-dawl tal-pożizzjoni tal-Italja fil-qasam tal-produzzjoni agrikola fis-serer (pereżempju, f'termini ta' daqs tal-art tas-serer użati għall-produzzjoni tal-ħaxix frisk, fl-2000 u fl-2003 l-Italja kienet fit-tieni post fost il-pajjiżi produtturi fl-Unjoni Ewropea; fl-2000 u fl-2001 l-Italja kienet l-akbar produttur tal-ħaxix fl-Unjoni Ewropea u, fl-aħħar nett, fil-perjodu li jikkonċernaw il-proċeduri relevanti, l-Italja kienet it-tieni l-akbar pajjiż Ewropew f'termini ta' daqs tal-art użata għall-produzzjoni agrikola fis-serer).

([9]) T-233/04 tal-10 ta' April 2008, *L-Olanda* v *Il-Kummissjoni* [2008] ECR II-00591.

(60) Waqt li kienet qed tiġi eżaminata l-kwistjoni, l-awtoritajiet Taljani użaw serje ta' argumenti sabiex jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom li l-iskema ma kienx fiha elementi ta' għajnuna mill-Istat:

— fuq il-bażi tal-ftehim politiku milħuq mill-Kunsill u l-Kummissjoni fil-Kunsill tal-Ecofin fid-19 ta' Marzu 2003, id-derogi minn sistema ġenerali [tat-taxxa] jew id-differenzi fi ħdanha li kienu ġġustifikati minnatura jew mill-karatteristiċi ġenerali tas-sistema tat-taxxa ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Minbarra dan, fl-Italja l-eżenzjonijiet kienu konsistenti mas-sistema tat-taxxa Taljana għaliex kienu applikabbli għall-prodotti kollha mkabbra fis-serer u għaliex il-kwantitajiet tal-karburant eżenti mid-dazju tas-sisa kienu mqassma fuq il-bażi tal-attività mwettqa;

— fuq il-bażi tal-estimi u d-dejta disponibbli, l-iskema kkonċernata "ma kenitx ta' ħsara għall-funzjonament korrett tas-suq intern u ma rriżultatx fi tfixkil għall-kompetizzjoni" (ara l-premessi 30 u 31);

— l-eżenzjonijiet la kienu selettivi u lanqas ma kienu tali li jfixklu l-kompetizzjoni.

(61) Għandu jiġi l-ewwel nett enfasizzat li l-ebda ftehim politiku ma jista' jibdel il-kunċett ta' għajnuna kif definit b'mod oġġettiv fit-Trattat.

(62) F'dak li jirrigwarda l-argument li l-eżenzjonijiet huma ġġustifikati min-natura jew il-karatteristiċi ġenerali tas-sistema tat-taxxa, il-Kummissjoni temmen li eżenzjonijiet speċifiċi tad-dazju tas-sisa, li huma limitati għal tip speċifiku ta' produzzjoni (fil-każ ikkonċernat, il-produzzjoni agrikola fis-serer li rċeviet eżenzjonijiet akbar mit-tkabbir fl-għelieqi miftuħa) ma jistgħux jiġu ġġustifikati minnatura u l-loġika tas-sistema tat-taxxa fejn il-liġi tal-Komunità titlob li l-Istati Membri fil-prinċipju jimponu dazji tas-sisa ([10]). L-istess kunsiderazzjoni tapplika meta l-liġi tal-Komunità ma tipprovdix għall-għoti tal-eżenzjonijiet ikkonċernati. L-argument li l-eżenzjonijiet huma validi għall-prodotti kollha li jitkabbru fis-serer mhux relevanti f'dan il-każ, għaliex fergħat sħaħ tas-settur tal-produzzjoni agrikola rċevew eżenzjonijiet iżgħar minn dawk mogħtija lill-bdiewa bis-serer u, jekk kif qed jgħidu l-awtoritajiet Taljani, il-kwantitajiet tal-karburant eżenti tqassmu fuq il-bażi tal-attività mwettqa, il-loġika tas-sistema tat-taxxa kien jitlob li l-eżenzjoni tkun l-istess għall-attivitajiet kollha bbażati fuq l-użu tad-diżil.

(63) Il-kwistjoni tas-selettività diġà ġiet studjata fil-premessa 58 aktar 'il fuq. Fir-rigward tas-sentenza fil-Każ T-233/04, il-Kummissjoni tinnota, fid-dawl tal-premessa 25 u 26 aktar 'il fuq, li, filwaqt li huwa veru li l-operaturi fis-settur agrikolu li jużaw id-diżil setgħu jibbenefikaw minn eżenzjonijiet, il-bdiewa bis-serer madankollu rċevew eżenzjonijiet akbar. L-operaturi kollha jinsabu f'sitwazzjoni finanzjarja komparabbli, ladarba jużaw id-diżil għall-produzzjoni u huma għalhekk affettwati sal-istess punt mill-għan tal-miżura (li jittaffew l-effetti taż-żieda fil-prezzijiet taż-żejt), indipendentement mill-istatus legali tagħhom. Il-fatt li, f'sitwazzjoni komparabbli, xi operaturi setgħu jgawdu minn eżenzjonijiet akbar minn dawk ta' oħrajn juri li l-iskema tinkludi element ta' selettività.

(64) Il-Kummissjoni tirrifjuta l-argumenti tal-awtoritajiet Taljani li l-iskema ma tipperikolax il-funzjonament korrett tas-suq intern u ma tirriżultax fi tfixkil għall-kompetizzjoni:

— id-deċiżjoni li l-awtoritajiet Taljani rreferew għaliha (ara l-premessa 52 aktar 'il fuq) ikkonkludiet li l-għajnuna mill-Istat eżistiet iżda setgħet tiġi approvata fuq il-bażi ta' deroga taħt l-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat. Madankollu, din id-deroga ma tistax tintuża sabiex turi li m'hemmx elementi ta' għajnuna mill-Istat fl-iskema li qed tiġi eżaminata (din il-kunsiderazzjoni tapplika wkoll għall-argument tal-awtoritajiet Taljani ppreżentat fil-premessa 53 aktar 'il fuq);

— id-dejta msemmija fl-premessa 54 aktar 'il fuq mhix sħiħa (14-il reġjun minn 20) u m'hemm xejn li jgħid li hija rappreżentattiva: mhuwiex fil-fatt possibbli li jinstab minnha jekk ir-reġjuni li għalihom ingħatat id-dejta humiex ir-reġjuni li fihom il-produzzjoni fis-serer hija l-aktar imxerrda. Minbarra dan, id-dejta dwar il-konsum fis-settur agrikolu tindika minflok li d-diżil huwa input sinifikanti fil-produzzjoni agrikola. Fi kwalunkwe każ, huwa biżżejjed li l-għajnuna ssaħħaħ il-pożizzjoni kompetittiva ta' impriża meta mqabbla ma' dik ta' impriżi oħra li qed jikkompetu fil-kummerċ intra-Komunitarju biex ikun probabbli li din tirriżulta fi tfixkil tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ intra-Komunitarju ([11]). Dan huwa l-każ fil-kwistjoni li qed tiġi eżaminata, ladarba l-eżenzjoni tiffavorixxi l-impriżi Taljani li jabbru l-prodotti agrikoli fis-serer fuq impriżi li joperaw fl-istess settur fl-Istati Membri l-oħra.

(65) L-awtoritajiet Taljani qalu wkoll, b'risposta għall-ftuħ inizjali tal-proċedura, li l-għajnuna kkonċernata ma kenitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat iżda li kellha tiġi eżaminata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 92/81/KEE u 2003/96/KE. Huma waslu għal din il-konklużjoni fuq il-bażi tal-argument li l-eżistenza tal-għajnuna mill-Istat tkun teskluża mill-fatt sempliċi li Direttiva tal-UE tistabbilixxi l-possibilità li jingħataw eżenzjonijiet mit-taxxi. Dan l-argument ġie repetut b'risposta għall-mandat ta' informazzjoni mibgħut lilhom.

([10]) Ara d-Deċiżjoni 2009/323/KE (ĠU L 119, 4.5.2006, p. 12).

([11]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-Każ 730/79 *Philip Morris Holland v Il-Kummissjoni* [1980] ECR 2671.

(66) Il-Kummissjoni ma tistax taqbel ma' dan l-argument. Fil-fatt, is-sitt premessa tad-Direttiva 92/81/KEE tippermetti li l-Istati Membri "japplikaw fuq bażi fakultattiva […] eżenzjonijiet oħra […], fejn dan ma jwassalx għal tfixkil tal-kompetizzjoni". Minbarra dan, l-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva jistipula li l-Istati Membri jistgħu japplikaw eżenzjonijiet jew tnaqqis totali jew parzjali "bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Komunità". Bir-referenza tagħha għall-eżistenza tar-riskju ta' tfixkil tal-kompetizzjoni, id-Direttiva 92/81/KEE ma teskludix il-possibilità li eżenzjonijiet li jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Ta' min jiftakar li s-setgħat tal-Kummissjoni fir-rigward tal-għajnuna mill-Istat ġejjin direttament mit-Trattat u li dawn is-setgħat ma jistgħux jiġu ristretti minn Direttiva li l-għan tagħha huwa li tarmonizza taxxa fuq il-livell Ewropew.

(67) Minbarra dan, il-Premessi 15 u 24 fil-preambolu tad-Direttiva 2003/96/KE jiddikjaraw li miżuri li jkollhom l-għan li jistabbilixxu rati nazzjonali differenzjati ta' taxxa għandhom ikunu konformi mar-regoli tas-suq intern u tal-kompetizzjoni sabiex ma jirriżultawx fi tfixkil tal-kompetizzjoni. L-obbligu li jiġu applikati r-regoli dwar il-kompetizzjoni huwa kkonfermat mill-Artikolu 26 ta' dik id-Direttiva, li jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-miżuri kkonċernati jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat u, f'dawn il-każijiet, għandhom jiġu nnotifikati skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat. Dak l-Artikolu jistabbilixxi b'mod ċar li l-informazzjoni pprovduta lill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' dik id-Direttiva ma teħlisx lill-Istati Membri mill-obbligu tan-notifika skont l-Artikolu 88(3) tat-Trattat.

(68) Fl-aħħar nett, l-awtoritajiet Taljani stess affermaw (ara l-premessa 39 aktar 'il fuq) li l-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet tfixkel il-kompetizzjoni, element karatteristiku tal-għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

(69) Meta jitqiesu dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa applikati taħt l-iskema kkonċernata jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

(70) Madankollu, fil-każijiet previsti mill-Artikolu 87(2) u (3) tat-Trattat, dawn il-miżuri jistgħu, b'deroga, jiġu kkunsidrati bħala kompatibbli mas-suq komuni.

(71) Id-derogi previsti mill-Artikolu 87(2) tat-Trattat jirrigwardaw l-għajnuna ta' tip soċjali mogħtija lill-konsumaturi individwali, l-għajnuna biex tikkumpensa għad-danni maħluqa minn diżastri naturali jew avvenimenti eċċezzjonali u l-għajnuna mogħtija għall-ekonomija ta' xi reġjuni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u ma japplikawx f'dan il-każ, indipendentement minn min huma l-benefiċjarji tal-iskema.

(72) Il-Kummissjoni hi tal-fehma li d-derogi taħt l-Artikolu 87(3)(a) tat-Trattat dwar l-iżvilupp ta' reġjuni speċifiċi ma japplikawx għall-iskema kkonċernata, ladarba din l-iskema ma tinvolvix għajnuna għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku ta' reġjuni speċifiċi fejn il-livell tal-għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn hemm nuqqas serju ta' impjiegi.

(73) Fir-rigward tad-deroga skont l-Artikolu 87(3)(b) tat-Trattat, huwa biżżejjed li wieħed jirrimarka l-fatt li l-iskema tat-taxxa kkonċernata mhix proġett importanti ta' interess komuni Ewropew u m'għandhiex l-għan li tirrimedja għal taqlib serju fl-ekonomija Taljana. Hija lanqas ma tipprova tippromwovi l-kultura u l-preżervazzjoni tal-patrimonju skont it-tifsira tad-deroga fl-Artikolu 87(3)(d) tat-Trattat.

(74) Għaldaqstant, l-unika deroga li jista' jsir rikors għaliha hija dik stabbilita fl-Artikolu 87(3)(c) tat-Trattat, li skontha l-għajnuna tista' titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni jekk hija intiża sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti oqsma ekonomiċi, sakemm dan ma jaffettwax b'mod negattiv il-kundizzjonijiet tal-kummerċ sa punt li huwa kuntrarju għall-interess komuni.

(75) Billi l-għajnuna taħt l-iskema kkonċernata hija għajnuna mhux notifikata, il-kompatibilità tagħha mas-suq komuni trid tiġi analizzata fid-dawl tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat li kienu fis-seħħ meta ngħatat, kif stabbiliti fl-avviż tal-Kummissjoni dwar ir-regoli applikabbli għall-valutazzjoni ta' għajnuna mill-Istat illegali ([12]).

(76) Filwaqt li huwa veru li l-premessa 172 tal-linji gwida l-ġodda tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija 2007-2013 ([13]) iqisu li xi għajnuna illegali mogħtija wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2003/96/KE hija kompatibbli mas-suq komuni, skont it-tifsira tal-Artikolu 87(3), dan japplika biss fejn l-għajnuna tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-Direttiva u ma jkunx hemm differenzjazzjoni fi ħdan is-settur agrikolu. L-istess japplika għall-għajnuna mogħtija b'mod illegali fuq il-bażi tad-Direttiva 92/81/KEE.

(77) L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 92/81/KEE jistipula li "l-Istati Membri għandhom jimponu dazju tas-sisa armonizzat fuq iż-żjut minerali f'konformità ma' din id-Direttiva". L-Artikolu 1(2) jgħid li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-rati tagħhom f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/82/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-approssimazzjoni tar-rati tad-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali ([14]).

([12]) ĠU C 119, 22.5.2002, p. 22.
([13]) ĠU C 319, 27.12.2006, p. 1.
([14]) ĠU L 316, 31.10.1992, p. 19. Id-dazji tas-sisa fuq id-diżil użat għat-tisħin tas-serer huma indikati fil-premessa 43 aktar 'il fuq.

(78) L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 92/82/KEE jipprovdi għal dazju tas-sisa fuq id-diżil ta' ECU 18 għal kull 1 000 litru ta' diżil użat għal magni fissi, impjanti u makkinarju użati fil-kostruzzjoni, inġinerija ċivili jew xogħlijiet pubbliċi jew vetturi maħsuba għal użu mhux fuq toroq pubbliċi jew li ma ngħatawx awtorizzazzjoni għall-użu prinċipali fuq toroq pubbliċi.

(79) L-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 92/81/KEE jgħid li "żjut minerali minbarra dawk li għalihom livell ta' dazju huwa speċifikat fid-Direttiva 92/82/KEE tar-rati għandhom ikunu suġġetti għad-dazju tas-sisa jekk maħsuba għall-użu, offruti għall-bejgħ jew użati bħala karburant għat-tisħin jew karburat għall-magni. Ir-rati tad-dazju li għandha tinżamm għandha tkun stabbilita, skont l-użu, bir-rata għall-karburant tat-tisħin jew tal-magni ekwivalenti". (It-EUR 13 indikati mill-awtoritajiet Taljani (ara l-premessa 43 aktar 'il fuq) huma d-dazju applikabli għall-karburant tat-tisħin jew karburant tal-magni ekwivalenti, jiġifieri d-dazju għaż-żejt tqil stabbilit għal EUR 13 kull 1 000 kg fl-Artikolu 6 tad-Direttiva msemmija l-aħħar).

(80) Madankollu, l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/81/KEE jistipula li "bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-Komunità, l-Istati Membri jistgħu japplikaw eżenzjonijiet jew tnaqqis totali jew parzjali fir-rata tad-dazju fuq iż-żjut minerali użati taħt kontroll fiskali […] esklussivament f'xogħlijiet agrikoli u ortikulturali, u fil-forestrija u s-sajd intern".

(81) F'konformità mad-Direttiva 2003/96/KE, li ilha applikabbli sa mill-1 ta' Jannar 2004 ([15]), ir-rata minima ta' dazju tas-sisa fuq id-diżil hija stabbilita għal EUR 21 għal kull 1 000 litru (Artikolu 9 tad-Direttiva flimkien mat-Tabella C fl-Anness I tad-Direttiva). Din id-Direttiva fiha wkoll dispożizzjoni analoga għal dik fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 92/81/KEE, jiġifieri l-Artikolu 15(3) skont liema "l-Istati Membri jistgħu japplikaw livell ta' taxxi ta' żero fuq prodotti tal-enerġija u l-elettriku użati għax-xogħlijiet agrikoli, ortikulturali jew pexxikulturali, u fil-forestrija".

(82) Taħt iż-żewġ Direttivi msemmija hawn fuq, għalhekk, kien possibbli li jingħataw eżenzjonijiet totali mid-dazju tas-sisa. Madankollu, billi l-iskema ta' għajnuna kkonċernata tistabbilixxi differenzjazzjoni bejn l-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa li huma għall-benefiċċju ta' ċerti impriżi agrikoli, hija ma tistax tiġi ddikjarata bħala kumpatibbli mas-suq komuni fid-dawl tal-punt 172 tal-linji gwida tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura u l-forestrija 2007-2013 ([16]).

(83) Għall-perjodu kollu kopert miż-żewġ proċeduri mibdija fir-rigward tal-eżenzjonijiet mid-dazju tas-sisa (mit-3 ta' Ottubru 2000 sal-31 ta' Diċembru 2004 - ara l-premessi 25 u 27 aktar 'il fuq), ir-regoli applikabbli għall-għajnuna mill-Istat kienu dawk stabbiliti fil-linji gwida tal-Komunità għall-għajnuna mill-Istat fis-settur tal-agrikoltura ([17]) (minn hawn "il quddiem 'il-linji gwida tal-agrikoltura tal-2000").

(84) Il-Kummissjoni tqis li, meta titqies in-natura tagħha (eżenzjonijiet totali mid-dazju tas-sisa), l-għajnuna tikkostitwixxi għajnuna unilaterali mill-Istat li hija sempliċiment maħsuba sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-produtturi mingħajr ma tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-settur. Din l-osservazzjoni hija sostnuta mill-fatt li, fl-informazzjoni addizzjonali li pprovdew, l-awtoritajiet Taljani spjegaw li r-raġuni għall-għoti tal-għajnuna kienet iż-żieda fil-prezz taż-żejt (ara l-premessa 39 aktar 'il fuq).

(85) F'konformità mal-punt 3.5 tal-linji gwida tal-agrikoltura tal-2000, din l-għajnuna hija għajnuna operattiva li hija inkompatibbli mas-suq komuni.

(86) Madankollu, il-punt 5.5 tal-linji gwida tal-agrikoltura tal-2000 jippermetti eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-punt 3.5 imsemmi aktar 'il fuq għall-għajnuna operattiva għal finijiet ambjentali.

(87) B'mod partikolari, il-punt 5.5.4 tal-linji gwida tal-2000 dwar l-agrikoltura jirreferi għall-każ speċifiku ta' eżenzjonijiet parzjali jew totali mit-taxxi ambjentali. Hawn, wara li esprimiet xi riżervi, il-Kummissjoni ddikjarat li din l-għajnuna tista' tiġi aċċettata jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— jekk l-għajnuna hija temporanja (tul massimu ta' ħames snin) u digressiva;

— jekk jista' jintwera li l-għajnuna hija neċessarja sabiex jiġi kkumpensat telf ta' kompetittività internazzjonali;

— jekk l-iskema tal-għajnuna tikkostitwixxi inċentiva reali għat-tnaqqis tal-inputs ikkonċernati.

(88) Fil-każ li qed jiġi eżaminat, il-Kummissjoni tqis li l-għajnuna mhix digressiva għaliex, fid-dawl tad-diversi artikoli tal-Liġijiet Finanzjarji li pprovdew għall-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa, l-eżenzjoni kienet parzjali sal-31 ta' Diċembru 2000 u mbagħad totali għal kull wieħed mill-perjodi msemmija fil-premessa 27 aktar 'il fuq. Minbarra dan, l-għajnuna ma kenitx temporanja ladarba, fir-realtà, bl-eċċezjoni tat-tieni nofs tal-2001, l-eżenzjonijiet kienu permanenti għall-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni. Minkejja li l-awtoritajiet Taljani ċertament irreferew għall-eżistenza ta' sitwazzjoni kompetittiva diffiċli (ara l-premessa 42 aktar 'il fuq), huma ma pprovdewx informazzjoni li tipprova t-telf ta' kompetittività. Fl-aħħar nett, jidher implawżibbli li sistema ta' eżenzjonijiet li, min-natura tagħha, traħħas il-prezz tal-karburant, tista' twassal lill-benefiċjarji sabiex inaqqsu l-użu tagħhom tal-inputs ikkonċernati (kemm is-serer u, b'estensjoni, il-karburanti nfushom, jekk dawn jitqiesu bħala inputs).

([15]) Minbarra għal ċerti dispożizzjonijiet li mhumiex relevanti għal din il-kwistjoni.

([16]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 13.

([17]) ĠU C 28, 1.2.2000, p. 2.

(89) L-għajnuna mill-Istat ikkonċernata għalhekk ma tistax titqies bħala ġġustifikata mid-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tal-agrikoltura tal-2000 li jippermettu li għajnuna operattiva pura titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni.

(90) Madankollu, il-punt 5.6.2 tal-linji gwida tal-agrikoltura tal-2000 jipprovdi wkoll għall-possibiltà li l-għajnuna tiġi vvalutata każ b'każ, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji stabbiliti fil-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-finijiet ambjentali.

(91) Meta jitqies il-perjodu li għalih jirreferu ż-żewġ proċeduri, ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat li għandhom jiġu kkunsidrati għall-analiżi tal-kompatibbiltà tal-għajnuna kkonċernata huma dawn li ġejjin:

— għall-perjodu mit-3 ta' Ottubru 2000 sat-2 ta' Frar 2001, il-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali li kienu ilhom fis-seħħ sa mill-1994 (minn hawn "il quddiem 'il-linji gwida tal-1994") ([18]);

— għall-perjodu mit-3 ta' Frar 2001 sal-31 ta' Diċembru 2004, il-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien ambjentali li kienu ilhom fis-seħħ sa mit-3 ta' Frar 2001 (minn hawn "il quddiem 'il-linji gwida tal-2001") ([19]).

(92) F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tal-1994 (punt 3.4), il-Kummissjoni tista' tagħmel eċċezzjoni għar-regola li l-għajnuna operattiva mhix permessa, sakemm din l-għajnuna tkun biss kumpens għall-ispejjeż addizzjonali tal-produzzjoni meta mqabbla mal-ispejjeż tradizzjonali tal-produzzjoni, sakemm hija temporanja u fil-prinċipju digressiva u sakemm tipprovdi inċentiva għat-tnaqqis tat-tniġġis jew għall-introduzzjoni aktar mgħaġġla ta' użi aktar effiċjenti tar-riżorsi.

(93) Il-Punt 3.4 jgħid ukoll li l-ħelsien temporanju minn taxxi ambjentali ġodda jista' jkun awtorizzat meta jkun meħtieġ sabiex jiġi kkumpensat telf fil-kompetittività, partikolarment fuq il-livell internazzjonali. Fattur ieħor li jrid jitqies huwa dak li l-impriżi kkonċernati jridu jagħmlu fi skambju ma' dan, sabiex inaqqsu t-tniġġis tagħhom. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-eżenzjonijiet mit-taxxa introdotti skont leġiżlazzjoni tal-KE.

(94) Minbarra l-fatt li, kif indikat fl-analiżi mwettqa fid-dawl tal-punt 5.5.4 tal-linji gwida tal-2000 tal-agrikoltura, l-għajnuna la hija temporanja u lanqas digressiva u ma fiha l-ebda inċentiva, il-Kummissjoni tqis li l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tagħha bl-ebda mod ma turi li l-għajnuna hija limitata strettament biex tikkumpensal-ispejjeż addizzjonali tal-produzzjoni meta mqabbla mal-ispejjeż tradizzjonali tal-produzzjoni. Għaldaqstant, l-għajnuna ma tissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fil-premessa 92 aktar 'il fuq li jippermettulha li titqies bħala kompatibbli mas-suq komuni.

(95) Minbarra dan, fil-każ ikkonċernat, il-kundizzjonijiet imsemmija fil-premessa 93 aktar 'il fuq mhumiex relevanti, ladarba l-għajnuna ma tikkonċernax taxxi ġodda (id-dazji tas-sisa kienu jeżistu qabel il-perjodu li għalih jirreferu ż-żewġ proċeduri: bħala eżempju, l-Artikolu 24(3) tal-Liġi Nru 388 tat-23 ta' Diċembru 2000, li introduċa l-eżenzjoni totali mid-dazju tas-sisa għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar u t-30 ta' Ġunju 2001, jirreferi għal-Liġi Nru 662/1996 li tirrigwarda d-dazji tas-sisa u li, min-naħa tagħha, tirreferi għad-Digriet Leġiżlattiv Nru 504/1995 li jistabbilixxi t-Test Konsolidat tad-Dispożizzjonijiet Leġiżlattivi dwar it-Taxxi fuq il-Produzzjoni u l-Konsum). F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li l-awtoritajiet Taljani ma kkontestawx il-fatt li d-dazji kkonċernati huma "taxxa eżistenti". Minbarra dan, huma qatt ma qalu li dawn it-taxxi kienu ġew introdotti reċentament (ara l-premessi 40 u 45 aktar 'il fuq).

(96) Għaldaqstant, din l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi tal-linji gwida tal-1994.

(97) Il-linji gwida tal-2001 jagħmlu distinzjoni bejn taxxi ġodda (punt 51.1) u taxxi eżistenti (punti 51.2 u 52).

(98) Il-Kummissjoni tqis li d-dazji tas-sisa koperti mill-eżenzjoni għandhom jitqiesu bħala taxxi eżistenti fil-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni, ladarba, minbarra l-kunsiderazzjonijiet ippreżentati fil-premessa 95 aktar 'il fuq, l-eżenzjonijiet ġew deċiżi f'kull sena fil-Liġijiet Finanzjarji differenti pjuttost milli f'liġi waħda adottata b'derogi awtomatiċi fi żmien wieħed matul il-perjodu kkonċernat. Minbarra dan, kif diġà osserva il-Kummissjoni fil-premessa 95 aktar 'il fuq, l-awtoritajiet Taljani qatt ma kkontestaw il-fatt li t-taxxi kkonċernati huma "taxxa eżistenti" u qatt ma qalu li dawn kienu ġew introdotti reċentement.

(99) Kif indikat fil-premessa 40 aktar 'il fuq, il-punt 51.2 tal-linji gwida tal-2001 jippermetti li l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni applikabbli għal taxxi ġodda (stabbiliti fil-punt 51.1) jiġu applikati għat-taxxi eżistenti jekk iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin ikunu t-tnejn li huma ssodisfati fl-istess waqt:

— It-taxxa in kwistjoni jkollha impatt pożittiv apprezzabbli f'termini ta' ħarsien ambjentali;

([18]) ĠU C 72, 10.3.1994, p. 3.
([19]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 5.

— id-derogi għall-azjendi kkonċernati jridu jkunu ġew deċiżi meta t-taxxa kienet ġiet adottata jew ikunu saru neċessarji bħala riżultat ta' bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet ekonomiċi li tpoġġi lill-impriżi f'sitwazzjoni kompetittiva partikolarment diffiċili. Fl-aħħar każ, l-ammont tat-tnaqqis ma jistax jaqbeż iż-żieda fl-ispejjeż illi tirriżulta minn bidla fil-kondizzjonijiet ekonomiċi. Jekk kemm-il darba ma jkunx għad hemm żieda fl-ispejjeż, it-tnaqqis ma jkunx jista' jibqa' japplika.

(100) Il-Kummissjoni tista' taċċetta li taxxa bħal dazju tas-sisa fuq id-diżil għat-tiswin, li l-effett tagħha huwa li żżid il-prezz tad-diżil, tista' tikkawża lill-utenti sabiex inaqqsu l-konsum tad-diżil b'effetti pożittivi fir-rigward tal-ħarsien ambjentali. Madankollu, l-eżenzjonijiet ikkonċernati ġew stabbiliti sena wara l-oħra, saħansitra b'interruzzjoni bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru 2001 (ara l-premessa 27 aktar 'il fuq) u l-awtoritajiet Taljani la ppruvaw u lanqas qatt ma qalu li dawn id-derogi kienu ġew deċiżi meta t-taxxa ġiet adottata. Għall-kuntrarju, huma saħqu li d-derogi ġew adottati biss sabiex jaffrontaw sitwazzjoni ta' diffikultà ekonomika, jiġifieri ż-żieda fil-prezzijiet tal-karburanti tal-magni u tat-tiswin.

(101) Mhux possibbli li jiġi aċċettat l-argument ippreżentat mill-awtoritajiet Taljani li l-Kummissjoni għandha twettaq l-analiżi tagħha bħallikieku l-eżenzjonijiet kienu ġew deċiżi meta ġiet introdotta t-taxxa. Effettivament, l-awtoritajiet Taljani rreferew għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2005) 4436 (ara l-premessa 42 aktar 'il fuq). F'din id-Deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, il-premessa 74 tagħha), il-Kummissjoni bbażat l-osservazzjonijiet tagħha fuq il-fatt li l-eżenzjonijiet kienu ġew deċiżi ħafna qabel ma saru applikabbli l-linji gwida dwar l-għajnuna ambjentali tal-2001. Madankollu, fil-każ li qed jiġi eżaminat, għandu jiġi nnutat li l-ewwel eżenzjonijiet imorru lura għal Ottubru 2000, jiġifieri ftit qabel ma dawn il-linji gwida saru applikabbli. Għandu jiġi enfasizzat li l-awtoritajiet Taljani fl-ebda stadju ma bbażaw ruħhom fuq eżenzjonijiet li kienu ngħataw qabel.

(102) Min-naħa l-oħra, fir-rigward tat-tieni kundizzjoni fil-premessa 51.2, it-tieni subparagrafu, tal-linji gwida tal-2001, l-awtoritajiet Taljani ma pprovdewx evidenza li turi bidla sinifikanti fil-kundizzjonijiet ekonomiċi li setgħet poġġiet lill-impriżi f'sitwazzjoni kompetittiva partikolarment diffiċili (ara l-premessa 88 aktar 'il fuq) jew ippruvaw li l-ammont tal-eżenzjoni ma kienx jeċċedi ż-żieda fl-ispejjeż li rriżultat mill-bidla fil-kundizzjonijiet ekonomiċi. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kwistjoni tas-sitwazzjoni kompetittiva, id-dejta fit-tabelli ppreżentati fil-premessi 42 u 46 aktar 'il fuq ma fihomx informazzjoni komparativa. Għaldaqstant, huma ma jagħmluhiex possibbli li jiġi identifikat xi deterjorament fis-sitwazzjoni kompetittiva tal-impriżi Taljani involuti fil-kultivazzjoni fis-serer. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat ukoll li ż-żieda fil-prezz tal-prodotti taż-żejt laqtet l-Ewropa kollha u mhux lill-Italja biss.

(103) Ladarba waħda miż-żewġ kundizzjonijiet imsemmija fil-premessa 99 aktar 'il fuq ma ġietx issodisfata, id-dispożizzjonijiet tal-punt 51.2 tal-linji gwida tal-2001 ma jistgħux jiġu applikati - u għalhekk lanqas dawk tal-punt 51.1.

(104) Fil-każ alternattiv, anki li kieku d-dispozzjonijiet tal-punt 51.2 kienu applikabbli, l-eżenzjonijiet li qed jiġu eżaminati ma kinux ikunu jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli taħt il-punt 51.1 li jistipula li:

"Meta Stat Membru jintroduċi taxxa ġdida f'settur ta' attività jew fuq produzzjoni illi fir-rigward tagħha mhemmx armonizzazzjoni mill-Komunità dwar it-taxxa fuqhom jew meta t-taxxa prevista mill-Istat Membru taqbeż dik stabbilita mil-leġislazzjoni tal-Komunità, il-Kummissjoni tieħu l-opinjoni illi d-deċiżjonijiet fir-rigward tal-eżenzjonijiet illi jkopru perjodu ta' għaxar snin mingħajr ebda digressività jistgħu jiġu ġġustifikati f'żewġ każijiet:

(a) dawn l-eżenzjonijiet huma kondizzjonijiet fuq il-konklużjoni tal-ftehim bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-azjendi illi jirċevuhom fejn l-azjendi jew l-assoċjazzjonijiet tal-azjendi jintrabtu illi jilħqu l-għanijiet tal-ħarsien tal-ambjent waqt il-perjodu li għalih l-eżenzjonijiet japplikaw jew meta l-azjendi jilħqu l-ftehim volontarju illi għandhom l-istess effett. Dan il-ftehim jew obbligazzjonijiet jistgħu jirrelataw, fost affarijiet oħra, għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, tnaqqis fl-emissjonijiet jew kwalunkwe miżura oħra tal-ambjent. Is-sustanza tal-ftehim għandha tkun innegozjata minn kull Stat Membru u ser tkun tista' tiġi stmata mill-Kummissjoni meta l-proġetti ta' għajnuna jiġu nnotifikati liha. L-istati Membri jridu jassiguraw illi jkun hemm monitoraġġ strett tal-obbligazzjonijiet illi l-azjenda jew l-assoċjazzjonijiet tal-azjendi jkunu daħlu għalihom. Il-ftehim milħuq bejn Stat Membru u l-azjenda in kwestjoni jrid jistipula l-arranġamenti għall-penali illi jkunu applikabbli jekk l-obbligazzjonijiet ma jiġux milħuqa.

Dawn id-disposizzjonijiet japplikaw ukoll meta Stat Membru jagħmel tnaqqis fit-taxxa li jkun suġġett għall-kondizzjonijiet illi jkollu l-istess effett bħall-ftehim jew obbligazzjonijiet imsemmijin hawn fuq;

(b) dawn l-eżenzjonijiet m'għandhomx għalfejn ikunu kondizzjonali fuq l-ilħuq tal-ftehim bejn l-Istati Membri kkonċernati u l-azjenda illi skun ser tirċevihom jekk il-kondizzjonijiet alternattivi illi ġejjin jiġu sodisfatti:

— meta t-tnaqqis jirrigwarda taxxa tal-Komunità, l-ammont li jkun effettivament tħallas mill-azjenda wara t-tnaqqis jrid jibqa' ogħla mill-minimu tal-Komunità sabiex jipprovdi lill-azjenda b'inċentiv sabiex ittejjeb il-ħarsien tal-ambjent,

— meta t-tnaqqis jirrigwarda taxxa domestika imposta fl-assenza ta' taxxa tal-Komunità, l-azjenda eliġibbli għat-tnaqqis tista', madankollu, tħallas proporzjon sinnifikanti mit-taxxa nazzjonali."

(105) Fil-każ preżenti, id-dazji tas-sisa applikati kienu ċertament ogħla (qabel l-eżenzjonijiet u t-tnaqqis) mil-livell armonizzat tat-taxxi (ara l-premessi 43 u 46), iżda ma jidhirx li ftehimiet bħal dawk stipulati fil-punt 51.1(a) ġew konklużi bejn l-Istat Membru u l-benefiċjarji jew li ftehimiet simili ġew volontarjament iffirmati minn dawn tal-aħħar (il-Kummissjoni ma ġietx innotifikata dwar ftehimiet bħal dawn). Minbarra dan, l-awtoritajiet Taljani enfasizzaw li l-eżenzjonijiet ikkonċernati ngħataw sabiex tkun tista' tiġi ffaċċjata sitwazzjoni ekonomika diffiċli u qatt ma rreferew għal xi miżura ambjentali li kienu obbligati li jwettqu l-benefiċjarji min-naħa tagħhom.

(106) L-alternattiva stipulata fil-punt 51.1(b) għall-konklużjoni ta' ftehimiet ma tistax tiġi applikata f'dan il-każ għaliex, matul il-parti tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni li ġiet wara li l-linji gwida tal-2001 saru applikabbli, il-bdiewa bisserer gawdew minn eżenzjoni totali mid-dazju tas-sisa u għalhekk ma ħallsux ammont akbar mill-minimu tal-Komunità ([20]), f'livell tali li jinkoraġġihom li jieħdu azzjoni sabiex itejbu l-ħarsien ambjentali, kif stipulat fil-linji gwida tal-2001 fil-każijiet fejn it-tnaqqis jirrigwarda taxxa tal-Komunità.

(107) Madankollu, il-punt 52 tal-linji gwida tal-2001 jgħid li fejn taxxa eżistenti tiġi miżjuda b'mod sinifikanti u fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun tal-fehma li deroga hija meħtieġa għal ċerti impriżi, il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 51.1 fir-rigward ta' taxxi ġodda huma applikabbli b'analoġija. Għalhekk, huwa l-ewwel neċessarju li jiġi eżaminat jekk id-dazji tas-sisa żdiedux b'mod sinifikanti.

(108) It-tabella fil-punt 46 aktar 'il fuq turi li d-dazji tas-sisa ma żdiedux b'mod sinifikanti, ladarba l-varjazzjoni tagħhom kienet kif ġej: −5,4 % bejn l-1999 u l-2000, −6,98 % bejn l-1999 u l-2001, +1,9 % bejn l-1999 u l-2002 u +1,3 % bejn l-1999 u l-2003. Minn sena għall-oħra, it-tibdiliet kienu kif ġej: −5,4 mill-1999 għall-2000, −1,6 % mill-2000 għall-2001, +9,5 % mill-2001 għall-2002 u −0,5 % mill-2002 għall-2003. Għalhekk wieħed jista' jara li d-dazji tas-sisa naqsu b'mod kostanti minbarra bejn l-2001 u l-2002. Madankollu, iż-żieda li saret matul dak il-perjodu ma tistax titqies bħala sinifikanti għaliex, fil-fatt, ma kellha prattikament l-ebda effett fuq ix-xejriet fil-prezz, għall-konsumaturi, tad-diżil għat-tisħin (skont l-informazzjoni pprovduta fit-tabella, il-prezz għall-konsumaturi tad-diżil għat-tisħin żdied bi 2,2 % biss matul dawk is-sentejn). Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tal-punt 52 tal-linji gwida tal-2001 ma jistgħux jiġu applikati f'dan il-każ.

(109) Fl-aħħar nett, il-punt 53 tal-linji gwida tal-2001 jgħid li "meta t-tnaqqis jikkonċerna taxxa illi ma tkunx armonizzata fuq il-livell tal-Komunità u meta t-taxxa domestika tkun anqas minn jew egwali għall-minimu tal-Komunità, il-Kummissjoni tkun tal-opinjoni illi l-eżenzjonijiet fit-tul mhumiex ġustifikabbli. F'dan il-każ, kwalunkwe eżenzjonijiet mogħtija jridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti 45 u 46 u jridu, fi kwalunkwe każ, ikunu koperti minn awtorizzazzjoni espressa illi jidderogaw mill-minimu tal-Komunità."

(110) Il-punt 45 tal-linji gwida tal-2001 jgħid li t-tul tal-għajnuna għandu jkun limitat għal ħames snin meta l-għajnuna tkun digressiva u li l-intensità tal-għajnuna tista' tammonta għal 100 % tal-ispejjeż addizzjonali ([21]) fl-ewwel sena, iżda għandha taqa' b'mod lineari għal żero sat-tmiem tal-ħames sena.

(111) Il-Punt 46 tal-linji gwida tal-2001 jgħid li t-tul tal-għajnuna mhux degressiva huwa limitat għal ħames snin u li l-intensità tagħha m'għandhiex taqbeż il-50 % tal-ispejjeż addizzjonali.

(112) Fil-każ li qed jiġi eżaminat, il-Kummissjoni diġà rrimarkat li l-għajnuna ma kenitx degressiva (ara l-premessa 88 aktar 'il fuq). B'konsegwenza, huma biss id-dispożizzjonijiet tal-punt 46 tal-linji gwida li jistgħu jiġu applikati għaliha. Madankollu, l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Taljani bl-ebda mod ma tippermetti lill-Kummissjoni li tikkonkludi li l-intensità tal-għajnuna kienet limitata għal 50 % tal-ispejjeż addizzjonali tal-produzzjoni ġġenerati mid-dazji tas-sisa meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq tal-prodotti mkabbra fis-serer.

(113) Għaldaqstant, l-għajnuna ma tistax titqies bħala eliġibbli fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-punt 46 tal-linji gwida tal-2001 jew, b'konsegwenza, fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-punt 53 tagħhom.

([20]) EUR 13 għal kull 1 000 kg għall-perjodu 2000-2003 u EUR 21 għal kull 1 000 litru – ara l-premessa 43.

([21]) L-ispejjeż addizzjonali huma definiti fil-punt 43 tal-linji gwida bħala spejjeż addizzjonali tal-produzzjoni meta mqabbla mal-prezzijiet tas-suq tal-prodotti.

(114) Il-kunsiderazzjonijiet ippreżentati fil-premessi 94-112 aktar 'il fuq juru li l-għajnuna li qed tiġi eżaminata ma tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida tal-2001.

(115) F'dak li jirrigwarda l-argumenti l-oħra li ġew ippreżentati mill-awtoritajiet Taljani fl-istadji differenti tal-eżami tal-każ, il-Kummissjoni tqis li m'hemmx informazzjoni li tippermettilha twarrab id-dubji espressi fil-premessa 34(b) aktar 'il fuq. L-argument, imsemmi fil-premessa 43 aktar 'il fuq li l-miżura adottata mill-Italja tista' tkun kompatibbli mas-suq komuni jekk il-benefiċjarji ħallsu l-ammont minimu stabbilit fuq il-livell tal-Komunità, mhux relevanti għaliex il-bdiewa tas-serer gawdew eżenzjoni totali mid-dazju tas-sisa għal kważi l-perjodu kollu li qed jiġi eżaminat u għalhekk ma ħallsux taxxi.

(116) Min-naħa tagħhom, l-argumenti mressqa mill-parti terza interessata li bagħtet il-kummenti wara li l-proċedura nfetħet inizjalment, ma jipprovdux provi tal-kompatibilità tal-għajnuna mas-suq komuni. Tabilħaqq, fir-rigward tad-diffikultà tas-sitwazzjoni li fiha l-impriżi benefiċjari jsibu ruħhom jekk l-għajnuna tiġi ddikjarata bħala inkompatibbli u tiġi rkuprata, għandu jitfakkar li l-irkupru tal-għajnuna inkompatibbli huwa neċessarju sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti, jiġifieri s-sitwazzjoni mingħajr it-tfixkil tal-kompetizzjoni li kienet teżisti qabel ma ngħatat l-għajnuna. Il-fatt li ċerti impriżi m'għadhomx profitabbli huwa sempliċiment ir-riżultat tal-kompetizzjoni ħielsa taħt kundizzjonijiet normal tal-ekonomija tas-suq. Min-naħa l-oħra, m'hemm l-ebda provi li t-tnaqqis tal-konsum tad-diżil neċessarjament iġib tnaqqis fil-kwalità tal-prodotti miksuba (l-aktar li jista' jiġri huwa li dan it-tnaqqis idewwem bi ftit il-maturazzjoni jew it-tkabbir). Fl-aħħar nett, ir-referenza għas-sitwazzjoni f'pajjiżi oħra sabiex jintwera li l-kompetizzjoni mhix imxekkla mhix relevanti. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li wieħed jirrimarka li l-eżenzjoni tippermetti t-titjib tal-pożizzjoni kompetittiva tal-bdiewa tas-serer Taljani meta mqabbla mas-sitwazzjoni f'pajjiżi oħra u li għalhekk il-punt tat-tluq għat-tqabbil irid ikun is-sitwazzjoni fl-Italja mingħajr l-eżenzjonijiet.

XI. **KONKLUŻJONI**

(117) Il-Kummissjoni sabet li l-Italja, b'mod illegali, implimentat l-għajnuna kkonċernata bi ksur tal-Artikolu 88, il-paragrafu 3, tat-Trattat. L-analiżi ppreżentata aktar 'il fuq turi li l-għajnuna ma tistax tiġi ddikjarata bħala kompatibbli mas-suq komuni għaliex ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet tal-linji gwida tal-agrikoltura tal-2000 u tal-2007 u l-linji gwida ambjentali tal-1994 u l-2001. Minbarra dan, l-analiżi wriet li l-eżistenza nnifisha ta' Direttivi ma tistax tiġġustifika l-implimentazzjoni ta' miżuri li jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni u l-awtoritajiet Taljani ma neħħewx id-dubji kollha espressi mill-Kummissjoni meta nbdiet il-proċedura taħt l-Artikolu 88(2) tat-Trattat.

(118) Skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, meta jittieħdu deċiżjonijiet negattivi fir-rigward ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju (f'dal-każ il-bdiewa tas-serer). L-Italja hija għalhekk obbligata li tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna inkompatibbli mħallsa, li l-valur tagħha jikkorrispondi mad-differenza bejn l-eżenzjoni sħiħa mid-dazju tas-sisa mogħtija u r-rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa mogħtija lil operaturi oħra fis-settur agrikolu. Taħt il-punt 42 tal-Avviż mill-Kummissjoni "Lejn implimentazzjoni effettiva tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jordnaw lill-Istati Membri sabiex jirkupraw għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli" ([22]), l-Italja għandha erba' xhur mid-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni sabiex timplimenta d-dispożizzjonijiet tagħha. L-għajnuniet li għandhom jiġu rkuprati għandhom irendu wkoll imgħax ikkalkulat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([23]) li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999.

(119) Madankollu, kull għajnuna individwali mogħtija taħt l-iskema ta' għajnuna li qed tiġi eżaminata li, fiż-żmien meta ngħatat, kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'regolament tal-Kummissjoni adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 994/98 ([24]) (ir-Regolament *de minimis*) mhix meqjusa bħala għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat.

(120) L-ebda dispożizzjonijiet tal-Komunità li jirregolaw l-għajnuna *de minimis* fis-settur tal-agrikoltura ma kienu fis-seħħ meta ngħatat l-għajnuna li qed tiġi eżaminata.

(121) L-ewwel dispożizzjonijiet Komunitarji li ġew adottati f'dan il-qasam kienu dawk tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1860/2004 tas-6 ta' Ottubru 2004 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE dwar l-għajnuna *de minimis* fl-oqsma tal-agrikolatura u s-sajd ([25]).

(122) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004, l-għajnuniet li fuq perjodu ta' tliet snin ma jaqbżux it-EUR 3 000 għal kull benefiċjarju (dan l-ammont jikkostitwixxi l-għajnuna *de minimis* mogħtija lill-impriża), ma jaffettwawx il-kummerċ bejn l-Istati Membri, u lanqas ma jfixklu jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni u għalhekk ma jidħlux fl-ambitu tal-Artikolu 87(1) tat-Trattat KE.

([22]) ĠU C 272, 15.11.2007, p. 4.
([23]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.
([24]) ĠU L 142, 14.5.1998, p. 1.
([25]) ĠU L 325, 28.10.2004, p. 4.

(123) Skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1860/2004, l-istess prinċipju japplika għall-għajnuniet mogħtija qabel ma daħal fis-seħħ dan ir-Regolament, jekk dawn tal-aħħar jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikoli 1 sa 3.

(124) Fl-1 ta' Jannar 2008, ir-Regolament (KE) Nru 1860/2004 ġie sostitwit mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1535/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuniet *de minimis* fis-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli ([26]), li żied l-ammont tal-għajnuna *de minimis* għal EUR 7 500 għal kull benefiċjarju fuq tliet snin fiskali, irrispettivament mill-forma tal-għajnuna jew l-għan tagħha, b'limitu massimu għal kull Stat Membru ta' 0,75 % tal-valur tal-produzzjoni annwali.

(125) L-Artikolu 6(1) ta' dak ir-Regolament jistipula li r-Regolament "japplika għall-għajnuniet konċessi qabel l-1 ta' Jannar 2008 lill-intrapriżi tas-settur tal-produzzjoni tal-prodotti agrikoli, bil-kundizzjoni li l-imsemmija għajnuniet jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 1 sa 4, ħlief għar-rekwiżit ta' referenza espliċita għal dan ir-Regolament, imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(1)".

(126) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ma tqisx li tnaqqis fit-taxxa li ma jaqbiżx l-EUR 3 000 jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat sakemm, meta ngħata, kien jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1860/2004. L-istess japplika għat-tnaqqis mit-taxxa li ma jaqbiżx l-EUR 7 500 sakemm, meta ngħata, dan kien konformi mar-Regolament (KE) Nru 1535/2007,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iskema ta' għajnuna fil-forma ta' eżenzjoni mid-dazji tas-sisa fuq id-diżil użat għat-tiswin tas-serer, li ġiet implimentata illegalment mill-Italja bejn it-3 ta' Ottubru 2000 u t-30 ta' Ġunju 2001 u fis-snin 2002, 2003 u 2004 hija inkompatibbli mas-suq komuni.

Artikolu 2

1. L-Italja hija obbligata li tirkupra mingħand il-benefiċjarji l-għajnuna inkompatibbli mogħtija bħala parti mill-iskema msemmija fl-Artikolu 1.

2. Għandu jinżamm l-imgħax fuq l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati, mid-data li fiha dawn kienu tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju sa dik li fiha ġew effettivament irkuprati.

3. L-imgħaxijiet għandhom jiġu kkalkulati fuq is-sistema tal-imgħaxijiet komposti skont il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 794/2004.

Artikolu 3

L-irkupru tal-għajnuna mogħtija fil-kuntest tal-iskema msemmija fl-Artikolu 1 għandu jkun immedjat u effettiv.

L-Italja għandha tara li din id-Deċiżjoni tiġi implimentata fi żmien erba' xhur mid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 4

Fi żmien xahrejn min-notifika ta' din id-Deċiżjoni, l-Italja għandha tippreżenta l-informazzjoni li ġejja:

(a) lista tal-benefiċjarji li rċevew l-għajnuna taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 u l-ammont totali ta' għajnuna li ngħatat lil kull wieħed minnhom taħt l-iskema;

(b) l-ammont totali (prinċipal u imgħaxijiet) li għandhom jiġu rkuprati mingħand kull benefiċjarju;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex tintlaħaq konformità ma' din id-Deċiżjoni;

(d) dokumenti li juru li ntbagħtu ordnijiet lill-benefiċjarji sabiex jirritornaw l-għajnuna.

L-Italja għandha żżomm lill-Kummissjoni infurmata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu biex tkun implimentata din id-Deċiżjoni sakemm l-għajnuna mogħtija taħt l-iskema msemmija fl-Artikolu 1 tkun irkuprata għal kollox. Hija għandha tibgħat minnufih, fuq sempliċi talba tal-Kummissjoni, l-informazzjoni dwar il-miżuri li diġà ttieħdu u dawk ippjanati biex tintlaħaq konformità ma' din id-Deċiżjoni. Ir-rapport għandu wkoll jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar l-ammont ta' għajnuna u imgħax diġà rkuprati mingħand il-benefiċjarji.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

([26]) ĠU L 337, 21.12.2007, p. 35.